**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 749/2011**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**-vs-**

**Jonathan Grima detentur tal-Karta ta' l-Identita Nru 321474(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Jonathan Grima li gie akkuzat talli:

Nhar it- 02 ta' Novembru, 2010, għall-habta tal- 10.00Hrs ġewwa Triq Salvu Psaila, kantuniera ma' Triq Wignacourt, Birkirkara-

1. B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Renald Casha skont kif iccertifika Dr.Paul Zammit Reg 3242 mill-Isptar Mater Dei;
2. B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħsara, ħassar jew għarraq vettura tal-għamla Suzuki (mutur) bin-numru ta' registrazzjoni DBR792 għad-dannu ta' Renald Casha.

3. Saq vettura tal-għamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni KAB096, b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;
4. Bħala xufier ta' vettura b'numru tar-registrazzjoni KAB096 naqas li jieqaf u jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji tal-asssiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f'incident li jinvolvi offiza fuq il-persuni u meta giet ikkagunata hsara lil xi vettura;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta' Gunju, 2016, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati dwarhom l-imputat kif ukoll tal-fatt li l-imputat fi zmien l-incident kellhu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament numru 67 tar-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur, Ligi Sussidjarja Nru. 65.11, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija, li wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tmintax (18) il-xahar mill-lum kif ukoll tikkundannah ghall-ammenda ta' €55.

Inoltre' tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**